Il-kandidati magħżula jkunu jaħdmu mal-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti tal-Primarja u l-ewwel sentejn tas-Sekondarja u jkun mistenni minnhom li:

- joħolqu riżorsi stampati u diġitali għat-tagħlim tal-Malti skont il-qasam/oqsma assenjati lilhom. Dawn ir-riżorsi jsiru propjetà tad-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku u l-għalliema ma jkollhom l-ebda dritt fuq il-pubblikazzjoni tagħhom;
- jikkonsultaw mal-għalliema fl-iskejjel dwar riżorsi differenti tal-Malti meħtieġa li jinħolqu u/jew jkunu nħolqu;
- jippruvaw ir-riżorsi mal-għalliema fil-klassijiet skont il-ħtieġa;
- taħt id-direzzjoni tal-Uffiċjali Edukattivi msemmija jgħinu u jiggwidaw lill-għalliema tal-iskejjel Primarji u Sekondarji, u l-għalliema peripatetiċi u l-Kapijiet tad-Dipartiment tat-Taqsimiet tad-DKSE joħolqu riżorsi xierqa, iddifferenzjati, attraenti għall-istudenti u bla żbalji tal-Malti;
- jirrispettaw id-dati ta’ skadenza mogħtija lilhom mill-Uffiċjali Edukattivi msemmija hawn fuq;
- jżommu u jagħtu rendikont tax-xogħol imwettaq minnhom lill-Uffiċjali Edukattivi msemmija hawn fuq;
- jgħinu lill-Uffiċjali Edukattivi msemmija hawn fuq fit-taħriġ tal-għalliema dwar il-ħolqien u/jew it-tħaddim ta’ riżorsi bil-Malti;
- jaħdmu f’tim ma’ persuni oħra.